MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1912/2002

**Mark Bugeja**

**Vs**

**Johan Mifsud u b'digriet tat-Tribunal tat-12 ta' Marzu, 2003 gie kjamat fil-kawza Graham Ducker**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' Lm205 (mitejn u hames liri Maltin) rapprezentanti l-ammont dovut wara bejgh ta' *parts* kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li xtara l-*parts*:

"Fuq inkarigu ta' Graham Charles Ducker u kien hallas b'cheque ta' dan Ducker."

Il-konvenut talab il-kjamat in kawza ta' Ducker li gie debitament notifikat bl-Avviz izda naqas li jipprezenta Risposta jew li jixhed.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

L-attur spjega li biegh il-*parts* lill-konvenut. Il-konvenut hallsu parti *cash* u parti cekk liema cekk ma ssarrafx. L-attur qal li ma jafx lill-kjamat fil-kawza u qatt ma kellmu. L-attur cahad li l-konvenut qallu li qed jixtri l-*parts* ghal Ducker.

Johan Mifsud xehed bl-Affidavit li hu kien jahdem bhala mechanic u kien mar ghand l-attur biex jixtri xi *parts*. Mifsud qal:

"Mort ghand Mark Bugeja u ghidtlu li bhala hlas kelli cekk minghand Ducker. Dan accetta, jien iffirmajtlu c-cekk fuq wara u tajtulu."

Carl Buttigieg ikkonferma li kien hemm persuna li jitkellem bl-Ingliz u Johan kien se jixtri l-*parts* ghalih.

**Ikkunsidra**

Li kien il-konvenut li xtara l-*parts* in kwistjoni u l-attur qatt m'accetta li l-konvenut kien qieghed jagixxi bhala mandatarju ta' haddiehor. Illi jekk il-konvenut ried jagixxi bhala mandatarju kien l-obbligu tieghu li jassigura li l-venditur ikun jaf li qieghed ibiegh lil Mifsud bhala mandatarju u jaccetta din is-sitwazzjoni. Fl-Affidavit tieghu l-konvenut ighid li nfurmah li qieghed ihallas b'cekk mahrug minn Ducker izda ma qalx li qieghed jidher bhala mandatarju ta' Ducker b'mod li kien Ducker li kien qed jixtri u mhux hu.

Illi fil-kawza **Carmel Brand Co. Ltd Vs Michael Debono (PA 21/3/2002)** inghad:

“Meta negozju jkun gestit minn socjeta’ b’responsabbilta’ limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika ndipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-iktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qieghdin jinnegozjaw maghha.…Normalment, bniedem jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkuntratta f’isem haddiehor, jew jekk dana ma jindikax espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragunevolment jaf li jkun qieghed jikkuntratta f’isem haddiehor.  Il-piz tal-prova li min jikkuntratta ghamel hekk f’isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni.”

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut.

Illi fil-konfront ta’ l-attur ghalhekk huwa unikament responsabbli l-konvenut li qieghed jigi kkundannat ihallas lill-attur l-ammont ta’ Lm205 (mitejn u hames liri Maltin) bl-imghax mid-data tal-5 ta’ Jannar, 2002 u bl-ispejjez kontra l-konvenut Johan Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------